

MARL



MALTA

Fuljett maħruġ mill-MARL

Għad-Dilettanti tar-Radju

Maltin u Għawdxin

Numru 50

Mejju 2010

Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip

Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' April 2010 li hija il-50 ħarġa ta' din is-sensiela.

Irrid inrodd ħajr u nagħti prosit lill-grupp ta' l-emerġenza li fiż-żjara tal-Papa f'Malta bejn is-17 u t-18 ta' April ħadmu biex biex ipprovdew komunikazzjoni meta kienet meħtieġa kif ukoll ipprovdew komunikazzjoni permezz tat-televiżjoni minn fuq il-Fosos tal-Floriana.

Il-komunikazzjoni bit-televiżjoni kienet importanti, għaliex għalkemm l-istazzjonijiet kummerċjali tat-televiżjoni kienu qiegħdin ixandru ċ-ċerimonja, id-dilettanti tar-radju setgħu jilqgħu talbiet miċ-ċentru tal-komunikazzjoni biex min ikun qiegħed iħaddem il-kamera juri liema naħa tal-folla jintalab u għalhekk jipprovdi stampa ta' dak li jkun qiegħed jiġri liċ-ċentru tal-komunikazzjoni.

Trasmissjoni diretta bit-televiżjoni hija dejjem ħafna aħjar milli tkun biss bir-radju għaliex dawk li jkunu qegħdin imexxu l-operazzjonijiet anki minn ċentri li ma jkunux fuq il-post ikollhom stampa ta' dak li jkun qiegħed jiġri. F'dan il-fuljett għandkom xi ritratti waqt din il-ħidma.

Issa li ġie ffirmat il-kuntratt tas-self tal-karavan, il-karavan allokat mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili lill-**MARL** għaddiet fil-pussess tal-**MARL**. F'din il-ħarġa għandkom xi ritratti tiegħu. Infakkarkom li kellna numru ta' kumpaniji li tawna apparat biex jintuża mll-**MARL** għal waqt xi emerġenza u ta' dan inroddulhom ħajr. Dettalji ta' dan l-apparat nagħtuhom f'xi ħarġa oħra ta' dan il-fuljett.

Infakkarkom li l-**MARL** diġa' waħħlet antenni f'ċentri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għall-apparat tagħna ħalli jekk Alla ħares qatt tinqala emerġenza l-voluntieri ma jkollhomx għalfejn joqgħodu jwaħħlu l-antenni dak il-ħin, imma jkunu dejjem lesti. Madankollu, dawn il-voluntieri dejjem jieħdu antenni oħra magħhom ħalli jkunu jistgħu jarmaw numru ta' stazzjonijiet li jkunu qed jaħdmu fl-istess ħin.

Għandkom ukoll ittra elettronika li ntbagħtet mis-Sur Patrick Murgo, Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kif ukoll stqarrija għall-istampa mibgħuta mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, l-Onorevoli Carm Mifsud Bonnici b'radd il-ħajr lil dawk kollha li kellhom sehem fl-organizzazzjoni dwar il-miġja tal-Papa fostna.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq l'e-mail tiegħi **9h1av at searchmalta dot com**.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

Ritratti

Dawn huma ritratti tal-karavan qed tinżebaħ minn membri tal-grupp ta' emerġenza.

Ritratti 9H1AV/9H9MHR/9H79AV

Dawn huma ritratti tal-karavan qed titlesta mill-aħħar irtokki u r-riżultat.

Ritratti 9H1PI Ivan

Dawn li ġejjin huma xi ftit ritratti ta' l-operazzjonijiet matul iż-żjara tal-Papa li matulha id-dilettanti tar-radju tal-grupp ta' emerġenza ħadmu bħas-soltu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili minn numru ta' postijiet.

Intużat ukoll il-karavan tal-telekomunikazzjoni li kienet stazzjonata l-Belt Valletta kif ukoll apparat li l-**MARL** ingħatat għal dan il-għan minn numru ta' ditti li rrodulhom ħajr għall-għajnuna imprezzabbli tagħhom.

Dilettanti tar-radju oħrajn li kienu kemm f'ċentru ta' komunikazzjoni kif ukoll iduru skond kif kien meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi bħas-soltu wżaw l-apparat personali tagħhom biex jipprovdu l-komunikazzjonijiet meħtieġa.

Id-dilettanti tar-radju għamlu dan matul il-jumejn taż-żjara fi gruppi li bidlu lil xulxin ħalli ma jkun hemm l-ebda waqfien mis-servizz li kienu qiegħdin jagħtu. Fil-fatt, meta l-gruppi li kienu f'ċentru kienu jibdlu l-apparat, dan kien jinbidel wieħed wieħed u jippruvawh qabel dak li kien hemm qabel iżarma l-apparat tiegħu.

Radd il-ħajr lil dawk kollha li ħadu sehem kif ukoll lil dawk kollha li ħallew antenni, fili koassjali u affarijiet oħra biex dawk li daħlu warajhom ma jkollhomx għalfejn joqogħdu jbiddluhom biex jużaw tagħhom, għaliex għalkemm f'ċerti postijiet hemm antenni u fili koassjali mwaħħla minn qabel, dejjem qegħdin jittieħdu oħrajn biex ikun hemm aktar minn apparat wieħed li jkun qiegħed jintuża minn kull post.

Powered by GO
112
Amateur Radio Emergency
Communications
© www.9H1AA.com

© www.9H1AA.com

Ħolqa bit-TV

Parti mill-grupp tal-Belt Valletta

9Ħ1VW 9Ħ1AA, 9Ħ1PI

Ritratti 9H1AA George

Parti mill-grupp f'Ċentru tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

9Ħ1AK 9Ħ1XE 9Ħ1SF

Ritratt 9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV

Radd il-ħajr mid-Dipartiment tal_Protezzjoni Ċivili

Din li ġejja hija stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja u Intern Dr Carmelo Mifsud Bonnici b'radd il-ħajr lil dawk kollha li ħadu sehem fl-organizzazzjoni matul iż-żjara tal-Papa u mibgħuta lill-grupp ta' emerġenza tal-**MARL** mis-Sur Patrick Murgo minħabba li l-grupp ta' emerġenza huwa parti mill-voluntiera tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Il-komunikazzjoni tas-Sur Murgo kienet tgħid li:-

Sinjuri,
Id-Dokument anness ma' din l-email tirreferi għal ringrazzjament li għadda l-Onorevoli Ministru Dr. Carm Mifsud Bonnici għall-ħidma li wettaq dan id-Dipartiment waqt iż-żjara tal-Qdusija tiegħu l-Papa Benedettu XVI.

Din il-ħidma ma setgħetx tiġi mwettqa mingħajr il-ħidma ta' kull wieħed minnkom. Għaldaqstant nitlobkom tgħaddu dan il-messaġġ lil kull membru li pparteċipa fil-preparamenti u l-okkażżjonijiet biex għamlu din iż-żjara suċċess.

Patrick Murgo
Director
Civil Protection Department
Ta' Kandja l/o Siggiewi SGW 2610
Malta.
Tel.   +356 2393 0000
Fax. +356 2146   2607

L-istqarrija għall-istampa tal-Ministru tgħid li:-

RINGRAZZJAMENT GĦALL-ĦIDMA TAL-FORZI TAL-ORDNI

"Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, l-Onor. Carm Mifsud Bonnici jesprimi l-apprezzament tiegħu lill-membri kollha tal-forzi tal-ordni għall-ħidma indispensabbli tagħhom waqt iż-żjara tal-Qdusija Tiegħu il-Papa Benedittu XVI tul tmiem il-ġimgħa.

Is-sens ta' sagrifiċċju li wrew il-membri tal-forzi tal-ordni, fosthom il-Korp tal-Pulizija u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, mhux biss tul dawn il-jumejn taż-żjara tal-Q.T., iżda anke fit-tħejjijiet u l-ippjanar illi kienu ilhom għaddejjin sa minn xhur qabel il-miġja tiegħu, ssarraf f'jumejn memorabbli għan-nazzjon tagħna.

Bil-ħidma tagħhom, il-poplu Malti seta' jgħix bis-sħiħ din Miġja Pastorali fil-paċi u serħan il-moħħ tant li ma kienu rreġistrati ebda inċidenti, minkejja l-folol ta' nies kbar li nġabru għall-attivitajiet tal-massa li seħħew bejn il-bieraħ u llum.

Din iż-żjara għalhekk ser tibqa mfakkra wkoll għas-serjetà u professjonalità tal-forzi tal-ordni ta' pajjiżna u t-tmexxija tagħhom."

Naħseb li l-membri tal-**MARL** kollha japprezzaw li l-Kumitat tal-**MARL** ħadem u qiegħed jaħdem bis-sħiħ fl-interess tal-membri u anki għall-isem tajjeb ta' l-Għaqda tagħna u ta' pajjiżna anki jekk f'xi waqtiet ma jkunx jista' jagħti informazzjoni mitluba.

Bħal ma dejjem ġbidt l-attenzjoni tal-membri tal-**MARL**, in-numru tal-membri tal-grupp ta' emerġenza huwa limitat fuq talba tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-applikazzjonijiet kienu miftuħa għal min ried japplika.

Dan ma jwaqqafx lid-dilettanti tar-radju kollha li jippreparaw ruħhom u l-apparat tagħhom kif ktibt kemm-il darba ħalli jekk Alla ħares qatt tinqala xi emerġenza jkunu kapaċi jaħdmu flimkien biex jipprovdu l-komunikazzjonijiet meħtieġa, kemm f'Malta kif ukoll ma stazzjonijiet barra minn Malta.

Tinsewx li f'emerġenza l-ewwel ma jmorru huma d-dawl elettriku u t-telefon ċellulari. Għaldaqstant kunu mħejjija biex taħdmu fuq batteriji u/jew ġeneraturi ta' l-elettriku u li jkollkom antenni li tkunu tistgħu tużawhom skond il-ħtieġa.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

Mappa dinjija

Illum għandkom ħolqa ta' l-internet minn fejn tistgħu tagħmlu mappa tad-dinja iċċentrata fuq Malta biex tkunu tafu d-direzzjoni fejn għandkom tippuntaw l-antenna tagħkom.

Din il-mappa tistgħu tagħmluha f'numru ta' qisien kif ukoll bil-kulur jew bl-iswed u abjad biss. Jiena għamilt waħda li ssibuha iktar 'l isfel u jekk tistampawha tistgħu teħduha magħkom għaliex il-qies tagħha huwa ta' A4.

Din il-ħolqa hija **http://ns6t.net/azimuth/azimuth.html** Kull ma tridu tagħmlu huwa li timlew il-post, id-distanza u l-qies li triduha u jekk triduhiex bil-kulur jew bl-iswed u l-abjad biss.

Hawn taħt għandkom kopja, imma nissuġġerixxi li tmorru fuq il-ħolqa li tajtkom u tagħmluha inthom stess fid-daqs li tridu u tiġi document PDF.



Iċċentrata fuq $35^{0}52'17''$N u $14^{0}32'03''$E

Hemm ukoll paġna oħra ta' **SM3GSJ** **http://www.qsl.net/sm3gsj/index.htm** li għandu wkoll programm li tistgħu tniżżlu u tagħmlu wkoll mapep bħal dawn u huwa wkoll interessanti.Jekk tmorru fuq **http://www.hard-core-dx.com/nordicdx/dxlab/circlemaps.html** hemm ukoll numru ta' mapep oħra waqt li fuq **http://www.qrz.co.il/handbook.php?pid=179** hemm numru ta' programmi.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

70MHz

Għandkom tkunu tafu li l-aħħar pajjiż li d-dilettanti tar-radju tiegħu ingħataw permess biex jużaw il-frekwenza tas-**70MHz** huwa r-Rumanija. U Malta?

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

Attivitajiet tal-MARL

Fiera tar-Rebbiegħa

Fil-Ġnien ta' San Anton

Bħal snin oħra il-MARL ġiet mistiedna mis-Soċjeta' Ortikulturali ta' Malta biex tieħu sehem fil-Fiera tar-Rebbiegħa li se ssir fil-Ġnien ta' San Anton nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju. Il-MARL bi ħsiebhom jarmaw fit-8.00 ta' filgħodu.

Huwa importanti li kull min irid jieħu sehem għandu jinforma lis-Segretarju kemm jista' jkun kmienu ħalli jkun jista' jorganizza l-affarijiet.

Minħabba li hemm il-ħsieb li l-grupp jibqa' jaħdem minn San Anton sa wara nofsinhar, huwa importanti wkoll li tgħidu lis-Segretarju fi x'ħin tkunu tistgħu tmorru.

Grupp tal-Yahoo

Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.

Tinsewx li se jkollna attivitajiet għat-tliet xhur li ġejjin u jista' jkun li ma jkunux jistgħu jidhru fuq dan il-fuljett minħabba li jkun diġa' ħareġ u għalhekk l-avviż isir fuq il-grupp permezz ta' l-internet.

Ibghatu ittra elettronika lil Ivan, 9H1PI fuq ivan.privitera at gmail.com biex issiru membri tal-grupp

Infakkrukom ukoll li kull min irid jista' jniżżel dan il-Fuljett direttament minn fuq www.9h1mrl.org/newsletter.htm

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV